## Dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*

Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (EU) 2016/679 (GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 586.), aħna għandna d-dmir legali li nirrispettaw u nipproteġu kull informazzjoni personali li aħna niġbru minn għandek u aħna ser insegwu dan id-dmir. Aħna ser nieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex ma nħallux xi aċċess mhux awtorizzat. Aħna ma ngħaddux id-dettalji miġbura minnek bħala viżitatur u/jew utent, lil xi partijiet terzi sakemm ma tagħtiniex il-kunsens biex nagħmlu dan jew kif awtorizzat bil-liġi.

Id-*data* tiegħek tinżamm b'mod kunfidenzjali, u tista' tinżamm mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) jew tista' titqassam lil terzi persuni sabiex jiġi pprovdut l-aħjar servizz lilek, jew inkella kif teħtieġ il-liġi. *Data* dwarek tista' wkoll tinġabar minn terzi għal dawn l-għanijiet. Jekk jogħġbok oqgħod attent/a li meta timla din il-formola tipprovdi informazzjoni li hija korretta u jekk din l-informazzjoni tinbidel avża lis-FSWS minnufih.

Għandek id-dritt għall-aċċess għad-*data* personali tiegħek ipproċessata mis-CRPD. Din it-talba trid tintbagħat lil "Kontrollur ta' *Data*", FSWS, 212, Triq il-Kanun, Santa Venera SVR 9034 jew permezz ta' imejl lil dataprotection.fsws@gov.mt u azzjoni neċessarja tittieħed mill-aktar fis possibbli. Meta tikteb f'dan ir-rigward, jekk jogħġbok niżżel in-numru tal-karta tal-identità tiegħek, ismek, l-indirizz, kif ukoll xi dokumenti oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex nidentifikaw il-każ tiegħek.